# It-Tieni Kapitlu


| | |
|---|---|
| Indiċi | 40 |
| | |
| It-Tieni Kapitlu | 41 |
| Is-Snin Erbgħin | 41 |
| Żviluppi fl-1946 | 41 |
| | |
| Is-Sena 1947 | 43 |
| Jibdew Jitwaqqfu l-Għaqdiet | 43 |
| Jitħabbar il-Pjan Marshall | 44 |
| Kungress Federalista | 44 |
| | |
| Is-Sena 1948 | 45 |
| Kungress Ieħor | 45 |
| | |
| Is-Sena 1949 | 46 |
| It-Twaqqif tal-Kunsill ta' l-Ewropa | 46 |
| Żviluppi Oħra | 46 |

## It-Tieni Kapitlu
## Is-Snin Erbgħin

### Żviluppi fl-1946.

Wieħed jista' jgħid li t-tieni gwerra dinjija mibdija mill-Ġermanja minħabba l-militariżmu u l-ambizzjonijiet espansjonistiċi tagħha biex taħkem pajjżi oħra, kienet wasslet biex ebda pajjiż Ewropew ma kien ħeles mit-tkissir u tifrik flimkien mal-qerda ta' miljuni kbar ta' nies, kemm suldati u kemm ċivili.

L-atroċitajiet imwettqa min-Nazisti Ġermaniżi ta' Ħitler li riedu li l-Ġermanja tespandi fuq il-kontinent Ewropew, l-iktar lejn l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant biex il-Ġermaniżi jkollhom fejn jimirħu ma setgħux jitwemmnu.

Miljuni ta' nies ġew ittorturati u maqtula bl-aktar mod aħrax permezz ta' esperimenti mediċi jew iggassjati fil-kampijiet tal-konċentrament imwaqqfa mill-Ġermaniżi.

It-tbatijiet li batew il-popli Ewropej, fosthom anki Ġermaniżi stess u anki hawn Malta fejn mijiet ta' Maltin u Għawdxin ċivili u anki suldati ħallew ħajjithom taħt il-bumbardamenti bla ħniena ta' l-għadu Ġermaniż u Taljan, kienu tal-biża.

Dak iż-żmien, Malta kienet taħt il-ħakma tal-barrani. Kienet kolonja Ingliża u bażi militari mportanti ħafna f'nofs il-Mediterran.

Għalkemm kien sar minn kollox biex Malta tiġi difiża minħabba l-importanza tagħha għall-Imperu Ingliż, l-għadu Ġermani u Taljan kien jiġi sfidat mill-ħakkiem barrani Ngliż billi kien jingħad li Malta hija aircraft carrier li ma tegħriqx[1] f'Nofs il-Mediterran.

Waqt li l-Maltin u l-Għawdxin kienu jqisu dan bħala kumpliment, dan kien isir biex l-għadu jattakka lil Malta minflok ir-Renju Unit, u għalhekk kienu jitnaqqsu l-attakki minn fuq art il-ħakkiem Ingliż li wkoll kien qiegħed jiġi attakkat bla ħniena mill-għadu Ġermaniż.

Kull bomba Ġermaniża mitfuha fuq Malta kienet tfisser bomba inqas mitfuha fuq l-Ingliterra.

Madankollu, kulħadd kien daq il-qerda tal-gwerra, tant li fi tmiemha, kienet saret sejħa biex l-Ewropa tingħaqad ħalli ma jerġax jiġri l-istess.

Dan kien sar billi fid-19 ta' Settembru 1946, Winston Churchill kien għamel sejħa għal "xorta ta' Stati Uniti ta' l-Ewropa"[2] waqt diskors li kien għamel ġewwa l-Universita' ta' Żurik[3], fl-Iżvizzera.

Wara din is-sejħa, fis-17 ta' Diċembru 1946, l-Għaqda tal-Federalisti Ewropej[4] li kellha l-għan li twaqqaf Unjoni Ewropea bħala Stat Federali Ewropew biex il-

---

[1] The unsinkable aircraft carrier
[2] "A kind of United States of Europe"
[3] Zurich

Ġermanja tkun tista' tiġi kkontrollata u b'hekk ma titħalliex terġa' tagħmel straġi oħra, kienet twaqqfet ġewwa Pariġi, fi Franza.

[4] European Federalists Union

## Is-Sena 1947

Minn dak li għedt qabel dwar is-sejħa li kien għamel Churchill biex l-Ewropa tingħaqad u ssir xi forma ta' Stati Uniti ta' l-Ewropa, wieħed jista' jaħseb li Churchill kien favur li jitwaqqaf Stat Federali Ewropew.

Madankollu, dan mhux minnhu, tant li fl-14 ta' Mejju 1947, taħt il-ħarsien ta' Winston Churchill stess, kien twaqqaf il-Moviment għall-Ewropa Magħquda[5], liema moviment kien ostili, jiġifieri kontra, u ma riedx li jitwaqqfu organi supranazzjonali, imma kien favur kooperazzjoni inter-governmentali, jiġifieri bejn il-gvernijiet tal-pajjiżi Ewropej.

Dan kien ifisser li l-moviment li kien waqqaf Churchill kien ried li titwaqqaf Għaqda Ewropea li fiha jiltaqgħu l-gvernijiet ta' l-Istati Membri tagħha biex jaħdmu flimkien fl-interess ta' kulħadd bla ma jkollhom jissottomettu ruħhom għall-ordnijiet ta' xi istituzzjonijiet federali bħal ma huma l-organi jew istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

Fil-fatt, naraw li aktar tard kien twaqqaf il-Kunsill ta' l-Ewropa biex il-membri tiegħu jkunu jistgħu jaħdmu flimkien speċjalment fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem li kienu ġew imkażbra bla ebda rażan min-Nazisti Ġermaniżi u l-Faxxisti Taljani, imma l-aktar min-Nazisti Ġermaniżi.

Dan biex wieħed ma jsemmix l-atroċitajiet imwettqa fuq il-poplu Spanjol mill-faxxisti Spanjoli ta' Francesco Franco li kienu sabu l-għajnuna fil-gwerra ċivili ta' Spanja mingħand Ħitler u n-Nazisti Ġermaniżi, kif ukoll l-atroċitajiet imwettqa fuq il-poplu Portugiż mill-faxxisti Portugiżi ta' Antonio Salazar.

## Jibdew Jitwaqqfu l-Għaqdiet

Fl-1 ta' Ġunju, Rene' Courtin kien waqqaf il-Kunsill Franċiż għall-Ewropa Magħquda[6], li iktar tard fl-1953 kien assorbit, jiġifieri inxtorob u sar parti, mill-Moviment Ewropew[7].

Min-naħa l-oħra, taħt il-ħarsien tad-Demokristjani, kien twaqqaf in-Nouvelles Equipes Internationales, li iktar tard fl-1965 sar magħruf bħala l-Għaqda Ewropea tad-Demokratiċi Kristjani[8].

Jumejn wara, jiġifieri fit-3 ta' Ġunju, kien twaqqaf il-Moviment Soċjalista għall-Istati Uniti ta' l-Ewropa[9], li fl-1961 reġa' ġie msemmi bħala x-Xellug Ewropew[10].

---

[5] United Europe Movement
[6] French Council for a United Europe
[7] European Movement
[8] European Union of Christian Democrats
[9] Socialist United States of Europe Movement
[10] European Left

## Jitħabbar il-Pjan Marshall

Fil-5 ta' Ġunju kien imħabbar il-Pjan Marshall[11] li kien jaħseb għall-qawmien ekonomiku[12] mill-ġdid ta' l-Ewropa billi kien iwassal miljuni kbar ta' dollari Amerikani biex terġa' tinbena l-Ewropa, kemm fiżikament kif ukoll ekonomikament mit-tifrik li kienet ħalliet f'kull pajjiż Ewropew it-tieni gwerra dinjija.

Wieħed jista' jgħid li l-Amerikani kienu ndunaw li jekk huma ma jagħtux l-għajnuna biex l-Ewropa terġa' tiġi mibnija mill-ġdid, kien se jkun faċli li l-kommunisti jiksbu l-appoġġ tal-massa u l-poter fil-pajjiżi Ewropej kollha minħabba t-twiegħir li kienu sabu ruħhom fih il-popli kollha Ewropej.

Minħabba li l-pajjiżi kienu kollha mfarrka, u dan kemm fiżikament kif ukoll ekonomikament, il-bini mill-ġdid tal-pajjiżi Ewropej ma setgħax isir jekk huma ma kinux jingħataw għajnuna barranija, u għaldaqstant kien tfassal il-pjan Marshall min-naħa ta' l-Amerikani biex il-pajjiżi Ewropej jingħataw l-għajnuna meħtieġa.

Hawnhekk tajjeb li nfakkru li waqt li l-Ġermanja li kienet il-perċimes li qanqlet it-Tieni Gwerra Dinjija flimkien ma l-Italja kienu ħadu għajnuna enormi mill-Pjan Marshall, Malta ma kienet ingħatat xejn għaliex kienet kolonjal ta' l-Imperu Ingliż.

Daqshekk stmawhom is-sagrifiċċji, it-tbatijiet u l-imwiet taċ-ċittadini Maltin il-kolonizzaturi Ingliżi li batew kollox intortament minħabba li Malta kienet kolonja u bażi millitari Ingliża.

Kull ma ingħatat Malta u ċ-ċittadini Maltin kien biss is-Salib ta' George biex ifakkaru liċ-ċittadini Maltin kif issallbu bil-kolonjaliżmu tal-barrani.

## Kungress Federalista

Bejn is-27 u l-31 ta' Awissu, kien inżamm il-Kungress tal-Federalisti għall-Unjoni Ewropea[13] ġewwa Montreax, fl-Iżvizzera, fejn kien jidher bl-aktar mod ċar, li l-għan u l-pjani tagħhom kienu li jwaqqfu l-Unjoni Ewropea bħala Stat Federali Ewropew kif kienu ilhom jippjanaw. Fi kliem ieħor, l-Istati Uniti ta' l-Ewropa bl-isem ta' Unjoni Ewropea.

Il-pjani tal-federalisti komplew miexjin 'il quddiem billi bejn it-13 u l-14 ta' Diċembru, l-Organizzazzjonijiet Federalisti u Unjonisti[14] iltaqgħu fi ħdan il-Kumitat għall-Koordinazzjoni Internazzjonali tal-Movimenti għall-Unifikazzjoni ta' l-Ewropa[15].

---

[11] Marshall Plan, imsejjaħ pjan Marshall għal min kien ippjanaħ
[12] Economic revival
[13] European Union Federalists Congress
[14] Federalists and Unionists Organisations
[15] International Coordination of Movements for the Unification of Europe Committee

## Is-Sena 1948

Wieħed jista' jgħid li mill-ewwel kienu bdew jittieħdu passi biex il-pjan għal Ewropa Federali jseħħ malajr kemm jista' jkun, tant li l-ewwel passi lejn l-għaqda ta' l-Ewropa bdew fl-1 ta' Jannar 1948 billi daħlet fis-seħħ il-Konvenzjoni tad-Dwana[16] bejn il-Belġju, il-Lussemburgu, u l-Olanda.

Dawn il-pajjiżi huma magħrufa bħala l-pajjiżi Benelux, liema kelma hija magħmula mill-ewwel zewġ jew tliet ittri tat-tliet pajjiżi rispettivament[17].

Fis-17 ta' Marzu, ġie ffirmat it-Trattat ta' l-Għaqda tal-Punent[18] ġewwa Brussell, fil-Belġju, bejn il-Belġju, Franza, il-Lussemburgu, l-Olanda u r-Renju Unit.

Minħabba li kien iffirmat ġewwa Brussell, dan it-Trattat huwa magħruf bħala t-Trattat ta' Brussell.

Il-pjan Marshall kien jinħtieġ li jingħata bidu mill-aktar fis possibbli, imma kien jinħtieġ ukoll li jkun hemm organizzazzjoni biex dan il-pjan ikun jista' jitmexxa.

Għaldaqstant, fis-16 ta' April kienet twaqqfet l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika Ewropea[19] biex tikkoordina l-Pjan Marshall.

## Kungress Ieħor

Il-passi biex ikun hemm għaqda fl-Ewropa komplew meta taħt il-kura tal-Kumitat għall-Koordinazzjoni Internazzjonali tal-Movimenti għall-Unifikazzjoni ta' l-Ewropa, kien sar Kungress ġewwa "The Hague", fl-Olanda bejn is-7 u l-11 ta' Mejju. Dan il-Kungress li għalih kienu attendew 800 delegat, kien tmexxa minn Winston Churchill.

Dawk li ħadu sehem f'dan il-Kungress, kienu rrakkomandaw li titwaqqaf Assemblea Deliberattiva Ewropea[20] u Kunsill Speċjali Ewropew[21], bl-inkarigu li jippreparaw għall-integrazzjoni ekonomika u politika tal-pajjiżi Ewropej[22].

Huma kellhom jagħtu wkoll parir fuq l-addozzjoni ta' Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem[23] u, biex jiżguraw ir-rispett għal din il-Karta, il-ħolqien ta' Qorti tal-Ġustizzja[24].

---

[16] Customs Convention
[17] Belġju, Netherlands (Olanda) u Luxembourg (Lussemburgu)
[18] Western Union Treaty
[19] Organisation for European Ecomomic Cooperation (OEEC)
[20] European Deliberative Assembly
[21] European Special Council
[22] Political and economic integration of European countries
[23] Human Rights Charter
[24] Court of Justice

## Is-Sena 1949

### It-Twaqqif tal-Kunsill ta' l-Ewropa

Fit-28 ta' Jannar 1949, Franza, il-Gran Brittanja u l-pajjiżi Benelux, jiġifieri il-Belġju, l-Olanda u l-Lussemburgu, iddeċiedew li jwaqqfu Kunsill ta' l-Ewropa u talbu lid-Danimarka, l-Irlanda, l-Italja, in-Norveġja u l-Iżvizzera biex jgħinuhom jippreparaw Statut għal dan il-Kunsill.

L-għajnuna mitluba ingħatat u l-Istatut kien tfassal kif kien maħsub, u fil-5 ta' Mejju, l-Istatut tal-Kunsill ta' l-Ewropa kien ġie ffirmat ġewwa Londra, fir-Renju Unit, liema Statut kien daħal fis-seħħ tliet xhur wara fit-3 ta' Awissu.

### Żviluppi Oħra

Fl-4 ta' April kien ġie ffirmat it-Trattat ta' l-Atlantiku tat-Tramuntana[25] ġewwa Washington, fl-Istati Uniti. Bejn l-10 ta' Awissu u t-8 ta' Settembru, kienet inżammet l-ewwel sessjoni ta' l-Assemblea Deliberattiva tal-Kunsill ta' l-Ewropa ġewwa Strasbourg, fi Franza.

Madankollu, il-federalisti ma kinux kuntenti b'dawn l-iżvilupp biss, imma riedu jkomplu fil-mixja ħalli jintlaħaq l-għan tagħhom li titwaqqaf l-Istati Uniti ta' l-Ewropa bħala Stat Federali Ewropew. Għaldaqstant, membri parlamentari federalisti kienu talbu biex titwaqqaf awtorita' politika Ewropea.

[25] North Atlantic Treaty